MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 46/2009

**Mobisle Communications Limited C-24655**

**vs**

**Charles Coleiro**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Jannar tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, seba’ mija u hames ewro u tlieta u sebghin ewro centezmi (€1,705.73c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond client contract number 731 u dana in rigward ghal servizzi lilu rezi ghax-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2008. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 30 ta’ Ottubru, 2008 u tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat, baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Ra illi ghalkemm gie msejjah biex jidher, kemm ghas-seduta tas-16 t'Ottubru, 2009, u kif ukoll ghas-seduta tal-lum, 30 t'Ottubru, 2009 in subizzjoni, l-konvenut baqa' ma deherx u wisq anqas allura kkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma mitluba ta' elf, seba' mija u hames ewro u tlieta u sebghin ewro centezmi (€1,705.73c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------